Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Lulju 2025**
**(OR. en)**

**11578/25**
**ADD 1**

**ENER 366**
**CLIMA 271**
**CONSOM 138**
**TRANS 303**
**AGRI 349**
**IND 273**
**ENV 697**
**COMPET 735**
**FORETS 51**
**DELACT 101**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 9 ta' Lulju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | ANNESS<br>tar-<br>REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) …/...<br>li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 4674 annex.

Mehmuż: C(2025) 4674 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2025
C(2025) 4674 final

ANNEX

**ANNESS**

**tar-**

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) …/...**

**li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**

**ANNESS**

**Metodoloġija għad-determinazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju minbarra fjuwils tal-karbonju riċiklat**

A. METODOLOĠIJA

1. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju minbarra fjuwils tal-karbonju riċiklat għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$E = e_i + e_p + e_{td} + e_u - e_{ccs} - e_{ccu}$

fejn:

E = l-emissjonijiet totali mill-użu tal-fjuwil ($gCO_2eq$ / MJ ta' fjuwil);

$e_i$ = e i elastiċi + e i riġidi - e użu eżistenti: emissjonijiet mill-provvista ta' inputs ($gCO_2eq$ / MJ ta' fjuwil);

e i elastiċi = l-emissjonijiet minn inputs elastiċi ($gCO_2eq$ / MJ ta' fjuwil);

e i riġidi = l-emissjonijiet minn inputs riġidi ($gCO_2eq$ / MJ ta' fjuwil);

e użu eżistenti = l-emissjonijiet mill-użu eżistenti jew mid-destin tal-inputs ($gCO_2eq$ / MJ ta' fjuwil)

$e_p$ = l-emissjonijiet mill-ipproċessar ($gCO_2eq$ / MJ ta' fjuwil);

$e_{td}$ = l-emissjonijiet mit-trasport u mid-distribuzzjoni ($gCO_2eq$ / MJ ta' fjuwil);

$e_u$ = l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil fl-użu finali tiegħu ($gCO_2eq$ / MJ ta' fjuwil);

$e_{ccs}$ = l-iffrankar nett tal-emissjonijiet mill-qbid tal-karbonju u mill-ħżin ($gCO_2eq$ / MJ ta' fjuwil);

$e_{ccu}$ = l-iffrankar nett tal-emissjonijiet mill-karbonju maqbud u marbut kimikament b'mod permanenti fi prodotti li jservu fit-tul ($gCO_2eq$ / MJ ta' fjuwil).

L-emissjonijiet mill-manifattura ta' makkinarju u tagħmir ma għandhomx jitqiesu.

L-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha tiġi ddeterminata billi l-emissjonijiet totali tal-proċess li jkopru kull element tal-formula jiġu diviżi bl-ammont totali ta' fjuwil li jirriżulta mill-proċess u għandha tiġi espressa f'termini ta' grammi ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ għal kull MJ ta' fjuwil ($gCO_2eq$ / MJ ta' fjuwil). Jekk fjuwil ikun taħlita ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u fjuwils oħra, it-tipi kollha ta' fjuwil għandhom jitqiesu li għandhom l-istess intensità tal-emissjonijiet. L-eċċezzjoni għal din ir-regola hija l-każ ta' koproċessar fejn il-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, il-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa jissostitwixxu parzjalment input ta' fjuwils fossili konvenzjonali rilevanti fi proċess.

F'sitwazzjoni bħal din għandha ssir distinzjoni fil-kalkolu tal-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fuq bażi proporzjonali tal-valur enerġetiku tal-inputs tal-enerġija rilevanti bejn:

– il-parti tal-proċess li hija bbażata fuq l-input ta' fjuwils fossili konvenzjonali kif ukoll il-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa; u

– l-parti tal-proċess li hija bbażata fuq fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, jekk wieħed jassumi li l-partijiet tal-proċess mill-bqija huma identiċi.

Jekk fil-proċess jintuża aktar minn input tal-enerġija rilevanti wieħed, id-delineazzjoni bejn iż-żewġ partijiet tal-proċess tiġi ddeterminata abbażi tas-sehem tal-input li jikkwalifika bħala fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, li jissostitwixxi l-ogħla sehem tal-input ta' fjuwils fossili konvenzjonali ([1]).

Il-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa li jintużaw fil-proċess jitqiesu biss fil-kalkolu tal-intensità tal-emissjonijiet, meta jintużaw bħala input tal-enerġija mhux rilevanti, meta jintużaw fl-ambitu tal-parti tal-proċess delineat kif stabbilit hawn fuq[2] jew meta l-materja prima li tintuża fil-proċess diġà tinkludi sehem bijoġeniku mill-bidu bħal fil-każ tal-iskart muniċipali mħallat. L-intensità tal-emissjonijiet tal-bijofjuwils, tal-bijolikwidi u tal-fjuwils tal-bijomassa tiġi ddeterminata f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 31 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

L-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju tista' tiġi kkalkulata bħala medja għall-produzzjoni kollha kemm hi tal-fjuwils li sseħħ matul perjodu ta' mhux iktar minn xahar kalendarju wieħed[3]. Madankollu, fejn l-elettriku li jingħadd kompletament bħala rinnovabbli skont il-metodoloġija stipulata fl-Artikolu 27(6) tad-Direttiva 2018/2001 jintuża bħala input biex jiġi prodott l-idroġenu f'elettrolizzatur, l-intervall ta' żmien għandu jkun konformi mar-rekwiżiti li japplikaw għal korrelazzjoni temporali sakemm ma japplikawx xi rekwiżiti speċifiċi fuq il-korrelazzjoni temporali. Il-valuri tal-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kkalkulati għal intervalli ta' żmien individwali jistgħu jintużaw sabiex tiġi kkalkulata intensità medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal perjodu ta' mhux aktar minn xahar, dment li l-valuri individwali kkalkulati għal kull perjodu ta' żmien jissodisfaw il-livell limitu minimu ta' ffrankar ta' 70 %.

2. L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, minbarra fjuwils tal-karbonju riċiklat, għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

Iffrankar = $(E_F - E) / E_F$

fejn:

$E$ = l-emissjonijiet totali mill-użu tal-fjuwil;

$E_F$ = l-emissjonijiet totali mill-komparatur tal-fjuwils fossili.

[1] Dan is-sehem jiġi ddeterminat billi jitqabbel l-istess tip ta' input, pereżempju s-sehem tal-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fl-idroġenu kollu użat fil-proċess.

[2] Il-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa jistgħu jkunu parti mill-proċess delineat meta jkunu qed jissostitwixxu input ieħor li mhux l-input ta' fjuwils fossili konvenzjonali, li minnu l-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-fjuwils rinnovabbli jkunu qed jissostitwixxu l-ogħla sehem.

[3] Meta kemm il-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika kif ukoll il-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jiġu prodotti fl-istess faċilità, il-perjodu magħżul skont ir-Regolament (UE) 2023/1185 u skont din il-metodoloġija għandu jkun l-istess.

Għall-fjuwils kollha b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-emissjonijiet totali mill-komparatur tal-fjuwils fossili għandhom ikunu ugwali għall-komparatur tal-fjuwils fossili għall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika stipulat fir-Regolament Delegat (UE) 2023/1185.

3. Jekk l-output ta' proċess ma jikkwalifikax kompletament bħala fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, minbarra fjuwils tal-karbonju riċiklat, il-frazzjoni ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, minbarra fjuwils tal-karbonju riċiklat, għandha tiġi ddeterminata billi l-input tal-enerġija rilevanti rispettiv fil-proċess jiġi diviż bit-total tal-inputs tal-enerġija rilevanti fil-proċess ([4]).

L-enerġija rilevanti għall-inputs materjali hija l-valur tat-tisħin aktar baxx tal-input tal-materjal li jidħol fl-istruttura molekulari tal-fjuwil ([5]).

Għall-inputs tal-elettriku li jintużaw biex jittejjeb il-valur tat-tisħin tal-fjuwil jew tal-prodotti intermedji, l-enerġija rilevanti hija l-enerġija tal-elettriku.

Għall-effluwenti gassużi industrijali, l-enerġija rilevanti hija l-enerġija fl-effluwent gassuż ibbażata fuq il-valur tat-tisħin aktar baxx tagħhom. Fil-każ ta' sħana li tintuża biex jittejjeb il-valur tat-tisħin tal-fjuwil jew tal-prodott intermedju, l-enerġija rilevanti hija l-enerġija utli fis-sħana li tintuża biex jiġi sintetizzat il-fjuwil. Is-sħana utli hija l-enerġija tas-sħana totali mmultiplikata bl-effiċjenza ta' Carnot, kif definita fil-Parti C, il-punt (1)(b) tal-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Inputs oħra jitqiesu biss meta tiġi ddeterminata l-intensità tal-emissjonijiet tal-fjuwil.

4. Meta jiġu ddeterminati l-emissjonijiet mill-provvista ta' inputs $e_i$, għandha ssir distinzjoni bejn l-inputs elastiċi u l-inputs riġidi. Inputs riġidi huma dawk li l-provvista tagħhom ma tistax tiġi estiża biex tissodisfa d-domanda żejda. Għalhekk, l-inputs kollha li jikkwalifikaw bħala sors tal-karbonju għall-produzzjoni ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat huma riġidi, kif ukoll l-outputs prodotti fi proporzjon fiss bi proċess inkorporat ([6]) u li jirrappreżentaw inqas minn 10 % tal-valur ekonomiku tal-output. Jekk ikun jirrappreżenta 10 % tal-valur ekonomiku jew iktar, dan għandu jiġi ttrattat bħala elastiku. Fil-prinċipju, l-inputs elastiċi huma dawk li l-provvista tagħhom tista' tiżdied biex tissodisfa d-domanda żejda. Il-prodotti tal-petroleum mir-raffineriji jaqgħu f'din il-kategorija minħabba li r-raffineriji jistgħu jbiddlu l-proporzjon tal-prodotti tagħhom. L-emissjonijiet mill-inputs tal-enerġija u materjali għall-operazzjonijiet tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS, Carbon Capture and Storage) (pereżempju, mill-kombustjoni tal-fjuwil, mis-sħana u mill-elettriku użati, kif ukoll minn materjali u sustanzi kimiċi) għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-approċċ stabbilit fil-punti 5 sa 11 dwar l-inputs tal-proċess.

---

4 Jekk fjuwil jiġi prodott f'bosta proċessi sussegwenti, il-frazzjoni għandha tiġi ddeterminata għal kull proċess sakemm ma tkunx prattika industrijali komuni li l-proċessi jiġu integrati teknikament u ġeografikament.

5 Għall-inputs materjali li jkun fihom l-ilma, il-valur tat-tisħin aktar baxx jitqies bħala l-valur tat-tisħin aktar baxx tal-parti xotta tal-input materjal (jiġifieri l-enerġija meħtieġa biex l-ilma jiġi evaporat ma titqiesx). Il-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika użati bħala prodotti intermedji għall-produzzjoni ta' fjuwils konvenzjonali u ta' bijofjuwils ma jitqisux.

6 Il-proċessi inkorporati jinkludu proċessi li

- jseħħu fl-istess kumpless industrijali, u
- jużaw mill-ġdid is-sħana jew outputs oħra li diffiċli jiġu ttrasportati ta' wieħed mill-proċessi.

5. L-elettriku li jista' jingħadd kompletament bħala rinnovabbli f'konformità mal-Artikolu 27(6), it-tieni u t-tielet subparagrafi, tad-Direttiva (UE) 2018/2001, għandu jiġi attribwit emissjonijiet ta' gassijiet serra żero.

6. Wieħed mill-erba' metodi alternattivi li ġejjin għandu jiġi applikat matul kull sena kalendarja biex jiġu attribwiti valuri tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-elettriku li ma jistax jikkwalifika bħala kompletament rinnovabbli f'konformità mal-Artikolu 27(6), it-tieni u t-tielet subparagrafi, tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u jintuża għall-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju:

   (a) il-valuri tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandhom jiġu attribwiti abbażi ta' medji fis-sena kif stabbilit fil-Parti C ta' dan l-Anness;

   (b) il-valuri tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għandhom jiġu attribwiti abbażi tal-valur medju fis-siegħa tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tat-taħlita tal-elettriku fil-ħin tal-produzzjoni tal-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fiż-żona tal-offerti, kif previst mill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għas-suq ta' ġurnata bil-quddiem għaż-żona tal-offerti fejn il-fjuwil b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jiġi prodott sagħtejn qabel il-ħin tal-għeluq tan-negozju tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem. Meta tkun disponibbli għandha tiġi applikata metodoloġija armonizzata għal dan il-fini. Sal-istabbiliment ta' metodoloġija armonizzata, il-metodoloġija għandha tkun ġiet approvata mill-awtorità kompetenti;

   (c) il-valuri tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandhom jiġu attribwiti skont l-għadd ta' sigħat b'tagħbija sħiħa li tkun qed topera l-installazzjoni li tipproduċi fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Fejn l-għadd ta' sigħat b'tagħbija sħiħa jkun daqs jew inqas mill-għadd ta' sigħat li fihom il-prezz marġinali tal-elettriku jkun ġie stabbilit minn installazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku rinnovabbli jew l-impjanti tal-enerġija nukleari fis-sena kalendarja preċedenti li għalihom tkun disponibbli data affidabbli, l-elettriku mill-grilja użat fil-proċess tal-produzzjoni tal-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandu jiġi attribwit valur tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' 0 g $CO_2$eq/MJ; fejn dan l-għadd ta' sigħat b'tagħbija sħiħa jinqabeż, l-elettriku mill-grilja użat fil-proċess tal-produzzjoni tal-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandu jiġi attribwit valur tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' 183 g $CO_2$eq/MJ;

   (d) il-valuri tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandhom jiġu kkalkulati bħala medja fis-siegħa, abbażi tal-valur tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tat-teknoloġija marġinali li tistabbilixxi l-prezz tal-ikklerjar tal-elettriku f'unità taż-żmien partikolari tas-suq fiż-żmien tal-produzzjoni tal-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fiż-żona tal-offerti. Din l-opzjoni tista' tintuża biss jekk dan il-valur ikun sar disponibbli pubblikament mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali.

   Jekk jintuża l-metodu stabbilit fil-punt (c), dan għandu jiġi applikat għall-elettriku kollu li jintuża għall-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż l-elettriku li jista' jingħadd kompletament bħala rinnovabbli f'konformità mal-Artikolu 27(6), it-tieni u t-tielet subparagrafi tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

7. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG, greenhouse gases) tal-inputs elastiċi li jinkisbu minn proċess inkorporat għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' *data* mill-

proċess tal-produzzjoni reali tagħhom. Dan għandu jinkludi l-emissjonijiet kollha li jirriżultaw minħabba l-produzzjoni tagħhom tul il-katina tal-provvista kollha tul il-katina tal-provvista kollha (inkluż l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-estrazzjoni tal-enerġija primarja meħtieġa biex isir l-input, il-proċess u t-trasport tagħha). L-emissjonijiet mill-kombustjoni relatati mal-kontenut tal-karbonju tal-inputs tal-fjuwil ma għandhomx jiġu inklużi ([7]).

L-emissjonijiet tal-GHG minn inputs elastiċi li ma jinkisbux minn proċess inkorporat għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-valuri inklużi fil-Parti B ta' dan l-Anness. Jekk l-input ma jkunx inkluż fil-lista, l-informazzjoni dwar l-intensità tal-emissjonijiet tista' tinkiseb mill-aħħar verżjoni tar-rapport JEC-WTW, mill-bażi tad-*data* ECOINVENT, minn sorsi uffiċjali bħall-IPCC, mill-AIE jew mill-gvern, minn sorsi rieżaminati oħra bħall-bażi tad-*data* E3, mill-bażi tad-*data* tal-Mudell Globali tal-Emissjonijiet għas-Sistemi Integrati (GEMIS, Global Emission Model for Integrated Systems) u minn pubblikazzjonijiet rieżaminati bejn il-pari.

L-intensità tal-metan tal-produzzjoni ta' inputs elastiċi bbażati fuq il-fossili għandha tiġi kkalkulata abbażi ta' dan li ġej:

(a) Din għandha tiġi kkalkolata bħala s-somma tal-intensità tal-metan tal-produzzjoni u t-trasport tal-inputs.

(b) L-intensità tal-metan tal-produzzjoni tal-inputs elastiċi bbażati fuq il-fossili għandha tiġi kkalkulata, għall-inputs prodotti fl-Unjoni, abbażi tal-emissjonijiet tal-metan irrapportati mill-produtturi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2024/1787, u għall-inputs importati fl-Unjoni jew użati għall-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju barra mill-Unjoni, abbażi tal-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-metan irrapportata mill-importaturi f'konformità mal-Artikolu 28(1), (2) u (5) tar-Regolament (UE) 2024/1787[8].

(c) L-intensità tal-metan tat-trasport tal-inputs elastiċi bbażati fuq il-fossili għandha tiġi kkalkulata, għall-inputs prodotti fl-Unjoni, abbażi tal-emissjonijiet tal-metan irrapportati mill-produtturi u mill-operaturi tal-assi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2024/1787, u għall-inputs importati fl-Unjoni jew użati għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju barra mill-Unjoni, abbażi tal-valuri li jistmaw l-emissjonijiet tal-metan relatati mat-trasport taż-żejt grezz, tal-gass naturali u tal-faħam minn pajjiżi terzi ppubblikati fil-bażi tad-data dwar it-Trasparenza tal-Metan skont l-Artikolu 30, il-punt 2(d)(ii), tar-Regolament (UE) 2024/1787, ikkomplementata mill-informazzjoni rilevanti dwar l-emissjonijiet tal-metan irrapportata mill-operaturi tal-assi f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2024/1787 u mill-importaturi f'konformità mal-Artikolu 27(1), mal-Artikolu 28(1), (2) u (5), kif ukoll mal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2024/1787.

---

7 Jekk l-intensitajiet tal-karbonju jittieħdu mill-Parti B ta' dan l-Anness, l-emissjonijiet mill-kombustjoni ma għandhomx jitqiesu. Dan minħabba li l-emissjonijiet mill-kombustjoni jingħaddu fl-ipproċessar jew fl-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil finali.

8 Il-valuri rrapportati għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 29(4) tar-Regolament (UE) 2024/1787. Sa tali data meta tiġi stabbilita dik il-metodoloġija, jistgħu jiġu applikati metodi xjentifiċi oħra kif xieraq bħall-metodoloġija OGMP 2.0.

Madankollu, meta l-intensità tal-metan ma tkunx tista' tiġi kkalkolata minħabba n-nuqqas ta' data, jew meta l-input ma jtejjibx il-valur tat-tisħin tal-fjuwil b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-intensità tal-metan tal-inputs elastiċi bbażati fuq il-fossili tista' tkun il-valur rilevanti għall-emissjonijiet tal-metan upstream għal kull unità ta' fjuwil inkluża fil-Parti B ta' dan l-Anness.

8. Il-fornitur ta' kull input elastiku, minbarra dawk l-inputs fejn il-valuri jittieħdu mill-Parti B ta' dan l-Anness, għandu jikkalkula l-intensità tal-emissjonijiet([9]) tal-input skont il-proċeduri f'dan l-Anness, u jirrapporta l-valur lill-istadju tal-produzzjoni li jmiss jew lill-produttur tal-fjuwil finali. L-istess regola tapplika għall-fornituri tal-inputs aktar lura fil-katina tal-provvista.

9. L-emissjonijiet minn inputs riġidi ($e_{i\ \text{riġidi}}$) għandhom jinkludu l-emissjonijiet li jirriżultaw mid-devjazzjoni ta' dawk l-inputs minn użu preċedenti jew alternattiv. Dawk l-emissjonijiet għandhom iqisu t-telf tal-produzzjoni tal-elettriku, tas-sħana jew tal-prodotti li qabel kienu ġġenerati bl-użu tal-input, kif ukoll kwalunkwe emissjoni minħabba trattament addizzjonali tal-input u t-trasport. Għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) L-emissjonijiet attribwiti għall-provvista ta' inputs riġidi għandhom jiġu ddeterminati billi l-produzzjoni mitlufa tal-elettriku, tas-sħana jew ta' prodotti oħra tiġi mmultiplikata bil-fattur rilevanti ta' emissjoni. Fil-każ ta' produzzjoni tal-elettriku mitlufa, il-fatturi ta' emissjoni li jridu jitqiesu huma għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-grilja fil-pajjiż fejn seħħ l-ispostament, kif iddeterminat skont il-metodoloġija stabbilita fil-punti 5 jew 6[10]. Fil-każ ta' materjal iddevjat, l-emissjonijiet li jridu jiġu attribwiti għall-materjal ta' sostituzzjoni għandhom jiġu kkalkulati bħal dawk għall-inputs materjali. Għall-ewwel 20 sena wara l-bidu tal-produzzjoni tal-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, it-telf tal-produzzjoni tal-elettriku, tas-sħana u tal-materjali għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-ammont medju ta' elettriku u sħana li ġie prodott mill-input riġidu matul l-aħħar 3 snin qabel il-bidu tal-produzzjoni tal-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Wara 20 sena ta' produzzjoni, it-telf tal-produzzjoni tal-elettriku, tas-sħana jew ta' prodotti oħra għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-istandards minimi tar-rendiment tal-enerġija preżunti fil-konklużjonijiet pertinenti tal-aħjar teknoloġija disponibbli (BAT, Best Available Technology). Fejn il-proċess ma jkunx kopert minn konklużjoni tal-BAT, l-istima tal-produzzjoni mitlufa għandha tkun ibbażata fuq proċess komparabbli li japplika teknoloġija mill-aktar avvanzata.

(b) Fil-każ ta'ta' inputs riġidi li huma flussi intermedji fil-proċessi industrijali, bħall-gass tal-forn tal-kokk, il-gass tal-forn tal-blast f'impjant tal-azzar, jew il-gass tar-raffineriji f'raffinerija taż-żejt, jekk l-effett tad-devjazzjoni tiegħu għall-produzzjoni tal-fjuwil ma jkunx jista' jitkejjel direttament, l-emissjonijiet minħabba d-devjazzjoni tal-inputs għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta'

[9] B'mod konsistenti mal-punt 6, l-intensità tal-emissjonijiet ma għandhiex tinkludi l-emissjonijiet inkorporati fil-kontenut tal-karbonju tal-input fornut.

[10] Regoli ekwivalenti għar-regoli stabbiliti skont l-Artikolu 27(6) għall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBO, Renewable Fuels of Non-Biological Origin) jistgħu jiġu applikati għad-determinazzjoni tal-fatturi tal-emissjonijiet għall-produzzjoni mitlufa tal-elettriku minħabba l-użu tal-gass tal-ipproċessar tal-iskart u tal-gass tal-egżost ta' oriġini mhux rinnovabbli li jiġu prodotti bħala konsegwenza inevitabbli u mhux intenzjonali tal-proċess tal-produzzjoni fl-installazzjonijiet industrijali.

simulazzjonijiet tal-operat tal-impjant qabel u wara li jiġi mmodifikat. Jekk il-modifika tal-impjant ikkawżat tnaqqis fl-output ta' xi prodotti, l-emissjonijiet attribwiti għall-input riġidu għandhom jinkludu l-emissjonijiet assoċjati mas-sostituzzjoni tal-prodotti mitlufa.

(c) Fejn il-proċess jagħmel użu minn inputs riġidi minn installazzjonijiet ġodda, għandu jitqies l-impatt tad-devjazzjoni tal-input mill-użu alternattiv l-aktar ekonomiku. L-implikazzjonijiet tal-emissjonijiet għandhom imbagħad jiġu kkalkulati skont l-istandards minimi tar-rendiment tal-enerġija preżunti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT. Għall-proċessi industrijali li mhumiex koperti mill-konklużjonijiet tal-BAT, l-emissjonijiet iffrankati għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-proċess komparabbli li japplika teknoloġija mill-aktar avvanzata.

10. L-emissjonijiet mill-użu eżistenti jew mid-destin tal-inputs ($e_{użu\ eżistenti}$) jinkludu l-emissjonijiet kollha fl-użu eżistenti jew fid-destin tal-input li jiġu evitati meta l-input jintuża għall-produzzjoni tal-fjuwil. Dawk l-emissjonijiet għandhom jinkludu l-ekwivalenti ta' $CO_2$ tal-karbonju inkorporat fil-kompożizzjoni kimika tal-fjuwil li kieku kien jiġi rilaxxat bħala $CO_2$ fl-atmosfera. Dan jinkludi l-forom kollha ta' karbonju, dment li tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-$CO_2$ ikun inqabad minn attività elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jew mill-kombustjoni ta' skart muniċipali mħallat, ikun tqies upstream f'sistema effettiva ta' pprezzar tal-karbonju u jkun ġie inkorporat fil-kompożizzjoni kimika tal-fjuwil qabel l-1 ta. Jannar 2036. Din id-data għandha tiġi estiża sal-1 ta' Jannar 2041 f'każijiet oħra għajr għas-$CO_2$ li jkun ġej mill-kombustjoni ta' fjuwils għall-ġenerazzjoni tal-elettriku;

(b) is-$CO_2$ ikun inqabad mill-arja;

(c) is-$CO_2$ jew il-monossidu tal-karbonju maqbud ikun jirriżulta minn bijofjuwils, bijolikwidi jew fjuwils tal-bijomassa li jikkonformaw mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(d) is-$CO_2$ jew il-monossidu tal-karbonju maqbud ikun jirriżulta minn fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jew minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jikkonformaw mal-kriterji tal-iffrankar ta' gassijiet serra, stabbiliti fl-Artikolu 29a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u f'dan ir-Regolament;

(e) is-$CO_2$ maqbud ikun jirriżulta minn sors ġeoloġiku ta' $CO_2$ u s-$CO_2$ ikun ġie rilaxxat b'mod naturali qabel;

(f) il-karbonju jkun jirriżulta minn inputs li jikkwalifikaw bħala sors tal-enerġija għall-produzzjoni ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat.

Is-$CO_2$ maqbud li jirriżulta minn fjuwil li jinħaraq deliberatament għall-fini esklużiv tal-produzzjoni tas-$CO_2$, mingħajr ma jsir użu tal-enerġija u tas-$CO_2$ li l-qbid tiegħu

---

[11] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj).

jkun irċieva kreditu ta' emissjonijiet skont dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, ma għandux jiġi inkluż.

L-emissjonijiet assoċjati ma' inputs bħall-elettriku u s-sħana, u l-materjali konsumabbli użati fil-proċess tal-qbid tas-$CO_2$, għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-emissjonijiet attribwiti lill-inputs.

11. Id-dati msemmija fil-punt 10(a) għandhom ikunu soġġetti għal rieżami, filwaqt li titqies l-implimentazzjoni fis-setturi koperti mid-Direttiva 2003/87/KE tal-mira klimatika tal-Unjoni kollha għall-2040, stabbilita f'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12].

12. L-emissjonijiet mill-ipproċessar ($e_p$) għandhom jinkludu l-emissjonijiet atmosferiċi diretti mill-ipproċessar innifsu, mit-trattament tal-iskart u mit-tnixxijiet, kif ukoll minn

(a) kwalunkwe fluss ta' $CO_2$ fossili li joħroġ mill-impjant tal-ipproċessar u jinqabad fl-impjant tal-qbid tal-karbonju u jitqies taħt e ccs jew e ccu; u

(b) kwalunkwe $CO_2$ fossili emess fl-atmosfera fi tmiem il-ħajja tal-koprodotti, ikkalkulat fuq bażi stojkjometrika għall-karbonju inkorporat fil-kompożizzjoni kimika tal-koprodotti kollha, sakemm l-operatur ma jurix li tali $CO_2$ jinqabad u jinħażen b'mod permanenti jew jintrabat kimikament b'mod permanenti fi prodotti li jservu fit-tul elenkati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2620. Il-karbonju solidu inkorporat fil-koprodotti minħabba li jkun marbut kimikament b'mod permanenti fi prodotti elenkati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2620 jew il-karbonju solidu maħżun skont ir-rekwiżiti rilevanti biex jiġi żgurat il-ħżin permanenti stabbilit fil-metodoloġija adottata skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2024/3012 ma jitqiesx bħala emess.

13. L-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil ($e_u$) għandhom jirreferu għall-emissjonijiet totali mill-kombustjoni tal-fjuwil li jkun qed jintuża, inkluż l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-karbonju ta' oriġini bijoloġika.

14. Il-gassijiet serra meqjusa fil-kalkoli tal-emissjonijiet u l-ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju tagħhom għandhom ikunu l-istess bħal dawk speċifikati fil-Parti C, il-punt 4, tal-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

15. Fejn proċess irendi koprodotti multipli bħal fjuwils jew sustanzi kimiċi, kif ukoll koprodotti tal-enerġija bħas-sħana, l-elettriku jew l-enerġija mekkanika esportati mill-impjant, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandhom jiġu allokati għal dawn il-koprodotti bl-applikazzjoni tal-approċċi li ġejjin bil-mod li ġej:

(a) L-allokazzjoni għandha titwettaq fi tmiem il-proċess li jipproduċi l-koprodotti. L-emissjonijiet allokati għandhom jinkludu l-emissjonijiet mill-proċess innifsu, kif ukoll l-emissjonijiet attribwiti lill-inputs għall-proċess.

(b) L-emissjonijiet li jridu jiġu allokati għandhom ikunu $e_i$ flimkien ma' kwalunkwe frazzjoni ta' $e_p$, $e_{td}$ u $e_{ccs}$ li jseħħu sa u inkluż l-istadju tal-proċess li fih jiġu manifatturati l-koprodotti. Jekk input fil-proċess ikun fih

12 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

innifsu koprodott ta' proċess ieħor, l-allokazzjoni fil-proċess l-ieħor għandha ssir l-ewwel biex jiġu stabbiliti l-emissjonijiet li jridu jiġu attribwiti lill-input. L-emissjonijiet ta' e użu eżistenti jridu jiġu allokati biss lill-koprodotti li jikkwalifikaw bħala fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jew bħala fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

(c) Jekk kwalunkwe installazzjoni ġewwa l-konfini tal-proġett tittratta biss wieħed mill-koprodotti tal-proġett, allura l-emissjonijiet minn dik l-installazzjoni għandhom jiġu attribwiti kompletament għal dak il-koprodott.

(d) Fejn il-proċess jippermetti li jinbidel il-proporzjon tal-koprodotti manifatturati, l-allokazzjoni għandha ssir abbażi tal-kawżalità fiżika billi jiġi ddeterminat l-effett fuq l-emissjonijiet tal-proċess ta' inkrementazzjoni tal-output ta' koprodott wieħed biss, filwaqt li l-outputs l-oħra jinżammu kostanti.

(e) Fejn il-proporzjon tal-prodotti jkun fiss u l-koprodotti jkunu kollha fjuwils, elettriku jew sħana, l-allokazzjoni għandha ssir skont il-kontenut tal-enerġija. Jekk l-allokazzjoni tkun tikkonċerna s-sħana esportata fuq il-bażi tal-kontenut tal-enerġija, tista' titqies biss il-parti utli tas-sħana, kif definita fil-Parti C, il-punt 16, tal-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(f) Fejn il-proporzjon tal-prodotti jkun fiss u xi koprodotti jkunu materjali mingħajr kontenut tal-enerġija, l-allokazzjoni għandha ssir abbażi tal-valur ekonomiku tal-koprodotti. Il-valur ekonomiku meqjus għandu jkun il-valur medju tal-ħruġ mill-fabbrika tal-prodotti matul l-aħħar 3 snin. Jekk din id-data ma tkunx disponibbli, il-valur għandu jiġi stmat mill-prezzijiet tal-komoditajiet u jitnaqqas il-kost tat-trasport u tal-ħżin.

16. L-emissjonijiet mit-trasport u mid-distribuzzjoni (**e** $_{td}$) għandhom jinkludu l-emissjonijiet mill-ħżin u d-distribuzzjoni tal-fjuwils lesti. L-emissjonijiet attribwiti lill-inputs *e i* għandhom jinkludu l-emissjonijiet mit-trasport u l-ħżin assoċjati tagħhom.

17. Fejn proċess biex isiru fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jkun jipproduċi emissjonijiet tal-karbonju li jkunu maħżuna b'mod permanenti f'sit tal-ħżin ġeoloġiku, dak il-karbonju (espress bħala CO2eq) jista' jiġi kkreditat lill-prodotti tal-proċess bħala tnaqqis fl-emissjonijiet taħt **e** $_{ccs}$ (f'g$CO_2$eq/MJ ta' fjuwil). It-terminu e $_{ccs}$ għandu jqis ir-rata ta' qbid tas-$CO_2$ mill-produzzjoni tal-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll l-emissjonijiet kollha mill-attivitajiet operattivi għall-qbid tal-karbonju, it-trasport tas-$CO_2$ u l-emissjonijiet mill-injezzjoni fis-sit tal-ħżin permanenti kif ġej:

e ccs = c$CO_2$ – e $CO_2$-c – e $CO_2$-t – e $CO_2$-i

fejn:

c$CO_2$: is-$CO_2$ maqbud fl-impjant tal-qbid tal-karbonju (g$CO_2$eq/MJ ta' fjuwil);

e $CO_2$-c: l-emissjonijiet assoċjati mal-operazzjonijiet kollha għall-qbid, id-deidratazzjoni, il-kompressjoni u l-likwefazzjoni tal-karbonju tas-$CO_2$ (g$CO_2$eq/MJ ta' fjuwil);

e $CO_2$-t: l-emissjonijiet mit-trasport tas-$CO_2$ bil-pipeline, bil-vapur, bil-barkun, bil-ferrovija jew bit-trakk mis-sit tal-qbid għas-sit tal-ħżin permanenti (g$CO_2$eq/MJ ta' fjuwil);

e CO2-i: l-emissjonijiet mill-operazzjonijiet tal-injezzjoni tas-$CO_2$ fis-sit tal-ħżin permanenti ($gCO_2eq$/MJ ta' fjuwil).

It-terminu e ccs għandu jinkludi:

(a) L-emissjonijiet tal-GHG għal kull MJ ta' fjuwil maqbud fl-impjant tal-qbid tal-karbonju ($cCO_2$) għall-fini ta' ħżin ġeoloġiku permanenti f'sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew skont il-liġi nazzjonali applikabbli f'pajjiżi terzi, u li ma jintużax għall-irkupru mtejjeb taż-żejt u tal-gass. Il-liġi nazzjonali applikabbli li tirregola s-siti tal-ħżin ġeoloġiku għandha tipprevedi rekwiżiti xierqa ta' monitoraġġ, rapportar u verifikazzjoni għall-identifikazzjoni ta' tnixxijiet, kif ukoll tqiegħed obbligi legali fuq l-operatur tal-ħżin biex jiżgura rimedju f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli fl-Unjoni. Fil-każ ta' tnixxija, l-ammont ekwivalenti ta' emissjonijiet tal-karbonju ma għandux jiġi kkreditat bħala tnaqqis fl-emissjonijiet taħt e ccs. Is-siti tal-ħżin ġeoloġiku li ripetutament inixxu ma għandhomx jiġu aċċettati għall-injezzjoni (e $CO_2$-i).

(b) L-emissjonijiet tal-GHG għal kull MJ ta' fjuwil mill-operazzjonijiet għall-qbid tas-$CO_2$ (e $CO_2$-c) Dawk l-emissjonijiet għandhom jinkludu l-emissjonijiet mill-użu tal-fjuwil, tas-sħana u tal-elettriku u mill-użu tal-input tal-materjal għall-qbid, kif ukoll is-sostituzzjonijiet materjali kollha (minħabba telf jew degradazzjoni). Dawk l-emissjonijiet għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mat-Taqsima 21 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066[13].

(c) L-emissjonijiet tal-GHG għal kull MJ ta' fjuwil mit-trasport tas-$CO_2$ (e $CO_2$-t) bil-pipeline, bil-vapur, bil-ferrovija, bit-trakk jew b'modalità marittima oħra mis-sit tal-qbid. L-emissjonijiet tal-GHG minħabba t-trasport tas-$CO_2$ għandhom jiġu kkalkulati abbażi tad-distanza vvjaġġata, tat-tip modali u tat-tagħbija. Jekk is-$CO_2$ injettat jiġi permezz ta' żewġ modi tat-trasport differenti jew aktar, l-emissjonijiet għandhom jiġu kkalkulati bħala somma għal kull mod tat-trasport. L-emissjonijiet mit-trasport għal sorsi multipli għandhom jiġu allokati bl-użu tal-metodu ta' allokazzjoni bbażat fuq il-massa. Jekk pipeline iġorr is-$CO_2$ lejn siti ġeoloġiċi multipli jew iservi użi multipli, l-emissjonijiet mit-trasport tas-$CO_2$ għandhom jiġu allokati bl-użu tal-metodu ta' allokazzjoni bbażat fuq il-massa. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mid-dispaċċ tas-$CO_2$ bil-pipeline għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mat-Taqsima 22 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/2066.

(d) L-emissjonijiet tal-GHG għal kull MJ ta' fjuwil mill-injezzjoni (e $CO_2$-i) f'sit tal-ħżin ġeoloġiku permanenti permess skont id-Direttiva 2009/31/KE jew skont il-liġi nazzjonali applikabbli f'pajjiżi terzi. Dawn l-emissjonijiet għandhom jinkludu l-emissjonijiet kollha mill-kombustjoni tal-fjuwil f'tagħmir stazzjonarju użat fit-trasport tas-$CO_2$, inklużi l-emissjonijiet mill-elettriku u l-emissjonijiet tal-fjuwils użati fit-trasport tas-$CO_2$ minn stazzjonijiet booster assoċjati u attivitajiet oħra ta' kombustjoni inklużi l-impjanti tal-enerġija fuq il-

[13] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2066/oj).

post. Dawn l-emissjonijiet għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mat-Taqsima 23 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/2066.

L-emissjonijiet tal-GHG mill-użu tal-fjuwil, tas-sħana u tal-elettriku u mill-użu tal-input materjali għall-operazzjonijiet tal-qbid, id-deidratazzjoni, il-kompressjoni u l-likwefazzjoni għandhom jitqiesu għall-istadji kollha fil-katina tal-valur tas-$CO_2$, mill-qbid sal-ħżin.

Għal każijiet mhux koperti mill-metodi ta' kalkolu speċifiċi preskritti f'dan il-punt, l-emissjonijiet mill-inputs tal-enerġija u materjali għall-operazzjonijiet ta' CCS (pereżempju, mill-kombustjoni tal-fjuwil, mis-sħana u mill-elettriku użati, kif ukoll minn materjali u sustanzi kimiċi) għandhom jiġu kkalkulati billi jiġu applikati b'analoġija l-punti 5 sa 11 dwar l-inputs tal-proċess.

Għandhom jitqiesu l-emissjonijiet kollha mill-ivventjar kif ukoll l-emissjonijiet li jaħarbu u tnixxijiet oħra tas-$CO_2$ mill-qbid, id-deidratazzjoni, il-kompressjoni u l-likwefazzjoni tal-karbonju, mit-trasport tas-$CO_2$ u mill-operazzjonijiet tal-injezzjoni.

F'installazzjonijiet li bdew joperaw qabel [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], is-$CO_2$ jista' jiġi allokat lil parti mill-output totali tal-proċess dment li r-rata tal-qbid tal-karbonju għall-parti tal-proċess inkorporat ma taqbiżx il-100 %. Għall-installazzjonijiet l-oħra kollha l-iffrankar nett tal-emissjonijiet irid jiġi allokat proporzjonalment għall-output tal-fjuwil kollu kemm hu.

18. Fejn proċess għall-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jkun jiġġenera emissjonijiet tas-$CO_2$ li jkunu marbuta kimikament b'mod permanenti f'wieħed mill-prodotti elenkati fl-att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 12(3b), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE, dan għandu jiġi kkreditat lill-prodotti tal-fjuwil b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju tal-proċess bħala tnaqqis fl-emissjonijiet taħt $e_{ccu}$ (f'g$CO_2$eq/MJ ta' fjuwil). It-terminu $e_{ccu}$ għandu jqis ir-rata ta' qbid tas-$CO_2$ mill-produzzjoni tal-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll l-emissjonijiet kollha mill-attivitajiet operattivi għall-qbid tal-karbonju, it-trasport tas-$CO_2$ u l-emissjonijiet mill-proċess ta' trasformazzjoni u użu biex isiru marbuta kimikament b'mod permanenti fi prodott, kif ġej:

$$e_{ccu} = c_{CO2} - e_{CO2\text{-}c} - e_{CO2\text{-}t} - e_{CO2\text{-}u}$$

fejn:

$c_{CO2}$: is-$CO_2$ maqbud fl-impjant tal-qbid tal-karbonju (g$CO_2$eq/MJ ta' fjuwil);

$e_{CO2\text{-}c}$: l-emissjonijiet assoċjati mal-operazzjonijiet kollha għall-qbid, id-deidratazzjoni, il-kompressjoni u l-likwefazzjoni tal-karbonju tas-$CO_2$ (g$CO_2$eq/MJ ta' fjuwil);

$e_{CO2\text{-}t}$: l-emissjonijiet mit-trasport tas-$CO_2$ bil-pipeline, bil-vapur, bil-barkun, bil-ferrovija jew bit-trakk mis-sit tal-qbid għas-sit tal-użu (g$CO_2$eq/MJ ta' fjuwil);

$e_{CO2\text{-}u}$: l-emissjonijiet mill-użu tas-$CO_2$ biex jintrabat kimikament b'mod permanenti fi prodotti (g$CO_2$eq/MJ ta' fjuwil).

L-emissjonijiet għandhom jitqiesu biss li huma marbuta kimikament b'mod permanenti fi prodott fejn il-prodott ikun elenkat fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 12(3b), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE.

F'installazzjonijiet li bdew joperaw qabel [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], is-$CO_2$ jista' jiġi allokat lil parti mill-output totali tal-proċess dment li r-rata tal-qbid tal-karbonju għall-parti tal-proċess inkorporat ma taqbiżx il-100 %. Għall-

installazzjonijiet l-oħra kollha l-iffrankar nett tal-emissjonijiet irid jiġi allokat proporzjonalment għall-output tal-fjuwil kollu kemm hu.

## B. "VALURI STANDARD" GĦALL-INTENSITAJIET TAL-EMISSJONIJIET TAL-GHG TAL-INPUTS

It-Tabelli 1 u 2 jistabbilixxu l-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-GHG tal-inputs minbarra l-elettriku:

Tabella 1: Ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet tal-GHG prestabbiliti ta' inputs differenti tal-enerġija, espressi fi g ta' sustanza għal kull MJ tal-prodott; il-gassijiet serra minbarra s-$CO_2$ għandhom jiġu kkonvertiti f'$CO_2$eq billi jiġi mmultiplikat l-ammont tagħhom bil-valuri rispettivi għall-potenzjal ta' tisħin globali tagħhom stabbilit fl-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1044. Esklużi l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil fil-fażi tal-użu tiegħu.

| Fjuwil | $CO_2$ | $CH_4$ (*) | $N_2O$ |
|---|---|---|---|
| ***Fjuwils fossili solidi*** | | | |
| Antraċit | 6,50 | 0,390 | 0,00026 |
| Faħam tal-kokk | 6,50 | 0,390 | 0,00026 |
| Faħam bituminuż ieħor | 6,50 | 0,390 | 0,00026 |
| Faħam subbituminuż | 1,70 | 0 | 0 |
| Linjite | 1,70 | 0 | 0 |
| Fjuwil bi privattiva | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Kokk tal-forn tal-kokk | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Kokk tal-gass | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Qatran tal-faħam | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Mattunelli tal-faħam kannella | 1,70 | 0 | 0 |
| ***Gassijiet manifatturati*** | | | |
| Gass tax-xogħlijiet tal-gass | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Gass tal-forn tal-kokk | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Gass tal-forn tal-blast | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Gassijiet irkuprati oħra | 5,00 | 0,228 | 0 |
| **Pit u prodotti tal-pit** | 0 | 0 | 0 |
| **Shale bituminuż u ramel bituminuż** | 5,00 | 0,228 | 0 |
| ***Prodotti taż-żejt u tal-petroleum*** | | | |
| Żejt grezz | 5,00 | 0,228 (= CH4_grezz) | 0 |
| Likwidi tal-gass naturali | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Materja prima tar-raffineriji | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Addittivi u ossiġenati | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Idrokarburi oħra | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Gass tar-raffineriji | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Etan | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Gassijiet tal-petroleum likwefatti | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Gażolina tal-magni | 13,40 | 1,08* CH4_grezz | 0 |
| Gażolina tal-avjazzjoni | 13,40 | 1,08* CH4_grezz | 0 |
| Fjuwil tal-ġettijiet tat-tip tal-gażolina | 13,40 | 1,08* CH4_grezz | 0 |
| Fjuwil tal-ġettijiet tat-tip tal-kerosin | 13,40 | 1,08* CH4_grezz | 0 |
| Kerosin ieħor | 13,40 | 1,08* CH4_grezz | 0 |
| Nafta | 13,40 | 1,08* CH4_grezz | 0 |
| Żejt tal-gass u żejt tad-diżil | 15,65 | 1,09*CH4_grezz | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Żejt tal-fjuwil | 0 | 1,01* $CH_4$_grezz | 0 |
| Spirtu abjad u SBP | 13,40 | 1,08* CH4_grezz | 0 |
| Lubrikanti | 15,65 | 1,09*CH4_grezz | 0 |
| Bitum | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Kokk tal-petroleum | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Xama' tal-paraffina | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Prodotti oħra taż-żejt | 5,00 | 0,228 | 0 |
| Gass naturali (eskluż likwefazzjoni, trasport u rigassifikazzjoni tal-LNG) (**) | 4,90 | 0,190 | 0,00037 |
| ***Skart*** | | | |
| Skart industrijali (mhux rinnovabbli) | 0 | 0 | 0 |
| Skart muniċipali mhux rinnovabbli | 0 | 0 | 0 |
| ***Enerġija nukleari*** | | | |
| Sħana nukleari | 0,50 | 0 | 0 |

(*) Għandu jitqies fattur ta' allokazzjoni għall-kalkolu tal-emissjonijiet upstream tal-prodotti taż-żejt (mill-fattur reali ta' emissjoni upstream tal-metan taż-żejt grezz meqjus): 1,09, 1,08, 1,01 (MJ ta' żejt grezz/MJ ta' prodott) għad-diżil, għall-gażolina u għaż-żejt tal-fjuwil tqil (HFO, Heavy Fuel Oil) rispettivament.

(**) għall-gass naturali li ġie ttrasportat f'forma likwida għandhom jiżdiedu emissjonijiet tal-GHG addizzjonali ($CO_2$, $CH_4$ u $N_2O$) minħabba l-likwefazzjoni, it-trasport u r-rigassifikazzjoni tal-gass naturali.

Għall-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-istadji tal-likwefazzjoni, tat-trasport u tar-rigassifikazzjoni, l-operaturi għandhom isegwu l-punt (7) ta' dan l-Anness, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1787.

Sors: Elaborazzjoni interna tal-JRC ibbażata fuq:

- JEC v5, IPCC 2006 & 2019 Guidelines for National Greenhouse Gas Inventories, V2Ch2, Stationary combustion
- IFEU 2023
- Energy and Environmental Research Associates, LLC 2024
- UNECE 2022, Carbon Neutrality in the UNECE region: Integrated Life-cycle Assessment of Electricity Sources

Tabella 2: Ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet tal-GHG prestabbiliti tal-inputs materjali

| **Input materjali** | **Emissjonijiet totali** **$gCO_2eq/kg$** |
|---|---|
| Ammonijaka | 2 351,3 |
| Klorur tal-kalċju ($CaCl_2$) | 38,8 |
| Ċikloeżan | 723,0 |
| Aċidu idrokloriku (HCl) | 1 061,1 |

| | |
|---|---|
| Lubrikanti | 947,0 |
| Sulfat tal-manjeżju ($MgSO_4$) | 191,8 |
| Nitroġenu | 56,4 |
| Aċidu fosforiku ($H_3PO_4$) | 3 124,7 |
| Idrossidu tal-potassju (KOH) | 419,1 |
| CaO pur għall-proċessi | 1 193,2 |
| Karbonat tas-sodju ($Na_2CO_3$) | 1 245,1 |
| Klorur tas-sodju (NaCl) | 13,3 |
| Idrossidu tas-sodju (NaOH) | 529,7 |
| Metossidu tas-sodju ($Na(CH_3O)$) | 2 425,5 |
| Diossidu tal-kubrit ($SO_2$) | 53,3 |
| Aċidu sulfuriku ($H_2SO_4$) | 217,5 |
| Urea | 1 846,6 |

Sors: ir-Rapport JEC-WTW u l-kalkoli tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli

## C. INTENSITÀ TAL-EMISSJONIJIET TAL-GHG TAL-ELETTRIKU

1. Metodoloġija għall-kalkolu tal-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-GHG tal-elettriku

L-intensità tal-emissjonijiet tal-GHG tal-elettriku għandha tiġi ddeterminata fil-livell tal-pajjiżi jew fil-livell taż-żoni tal-offerti. L-intensità tal-emissjonijiet tal-GHG tal-elettriku tista' tiġi ddeterminata fil-livell taż-żoni tal-offerti biss jekk id-*data* meħtieġa tkun disponibbli għall-pubbliku. L-intensità tal-karbonju tal-elettriku, espressa bħala $gCO_2eq/MJ$, għandha tiġi kkalkulata billi jitqiesu s-sorsi tal-enerġija primarji potenzjali kollha għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, it-tip reali ta' impjant, l-effiċjenzi tal-konverżjoni u l-konsum proprju tal-elettriku f'kull impjant tal-enerġija.

Il-kalkolu għandu jqis l-emissjonijiet tal-ekwivalenti ta' $CO_2$ kollha assoċjati mal-kombustjoni u l-provvista tal-fjuwils użati għall-produzzjoni tal-elettriku. Dan il-kalkolu għandu jiddependi fuq l-ammont ta' fjuwils differenti użati fil-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-elettriku, flimkien mal-fatturi ta' emissjoni mill-kombustjoni tal-fjuwil u l-fatturi ta' emissjoni upstream (stadji tal-produzzjoni, tar-raffinar u tat-trasport) tal-fjuwil.

Il-gassijiet serra minbarra s-$CO_2$ għandhom jiġu kkonvertiti f'$CO_2eq$ billi jiġi mmultiplikat l-ammont tagħhom bil-valuri rispettivi għall-potenzjal ta' tisħin globali tagħhom stabbilit fl-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1044. Meta jinħarqu l-fjuwils bijoġeniċi, l-emissjonijiet tas-$CO_2$ ma għandhomx jitqiesu minħabba l-oriġini bijoġenika tagħhom, iżda għandhom jitqiesu l-emissjonijiet tas-$CH_4$ u tal-$N_2O$.

Għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-kombustjoni tal-fjuwil, għandhom jintużaw il-fatturi tal-emissjonijiet prestabbiliti tal-IPCC għall-kombustjoni stazzjonarja fl-industriji tal-enerġija, ara t-Tabella 3). L-emissjonijiet upstream għandhom jinkludu emissjonijiet mill-proċessi u l-fażijiet

kollha meħtieġa biex il-fjuwil ikun lest biex jipprovdi l-produzzjoni tal-elettriku. Dawn għandhom jirriżultaw mill-estrazzjoni, mir-raffinar u mit-trasport tal-fjuwil użat għall-produzzjoni tal-elettriku.

Barra minn hekk, għandhom jitqiesu l-emissjonijiet upstream kollha mill-kultivazzjoni, mill-ħsad, mill-ġbir, mill-ipproċessar u mit-trasport tal-bijomassa. Il-pit u l-komponenti tal-materjali tal-iskart li jkunu ta' oriġini fossili għandhom jiġu ttrattati bħala fjuwil fossili.

Il-fjuwils użati għall-produzzjoni grossa tal-elettriku f'impjanti tal-elettriku biss għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-produzzjoni tal-elettriku u l-effiċjenza tal-konverżjoni għall-elettriku. Fil-każ ta' impjant ta' sħana u enerġija kkombinati (CHP, Combined Heat and Power), il-fjuwils użati għas-sħana prodotta fis-CHP għandhom jingħaddu billi titqies il-produzzjoni alternattiva tas-sħana b'effiċjenzi ġenerali medji ta' 85 %, filwaqt li l-bqija għandhom jiġu attribwiti għall-ġenerazzjoni tal-elettriku.

Għall-impjanti tal-enerġija nukleari, l-effiċjenza tal-konverżjoni mis-sħana nukleari għandha tkun preżunta li hija ta' 33 % jew *data* pprovduta mill-Eurostat jew sors akkreditat simili.

L-ebda fjuwil ma għandu jiġi assoċjat mal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli li jinkludu l-idroenerġija, l-enerġija solari, eolika u ġeotermali. L-emissjonijiet mill-kostruzzjoni, mid-dekummissjonar u mill-immaniġġjar tal-iskart ta' faċilitajiet li jipproduċu l-elettriku ma għandhomx jitqiesu. Għalhekk, l-emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju assoċjati mal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (enerġija mir-riħ, solari, idro u ġeotermali) għandhom jitqiesu li huma ugwali għal żero.

L-emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ mill-produzzjoni grossa tal-elettriku għandhom jinkludu emissjonijiet upstream elenkati fit-Tabella 1 u l-fatturi ta' emissjoni prestabbiliti għall-kombustjoni stazzjonarja elenkati fit-Tabelli 3 u 4. L-emissjonijiet upstream għall-provvista tal-fjuwil użat għandhom jiġu kkalkolati billi jiġu applikati l-fatturi tal-emissjonijiet upstream fit-Tabella 1.

Il-kalkolu tal-intensità tal-karbonju tal-elettriku għandu jsir skont il-formuli li ġejjin:

$$e_{gross_prod} = \sum_{i=1}^{k} (c_{i-ups} + c_{i-comb}) \times B_i$$

fejn:

*e* *gross_prod* = L-emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ [$gCO_2eq$]

$c_{i\text{-}ups}$ = Il-fatturi tal-emissjonijiet upstream ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ [$gCO_2eq/MJ$]

$c_{i\text{-}comb}$ = il-fatturi tal-emissjonijiet ekwivalenti ta' $CO_2$ mill-kombustjoni tal-fjuwil [$gCO_2eq/MJ$] mit-Tabelli 3 u 4; inklużi l-emissjonijiet tas-$CH_4$ tal-$N_2O$ espressi bħala $CO_2eq/MJ$. Għall-każijiet fejn is-$CO_2$ jinħażen b'mod permanenti minn faċilitajiet tas-CCS, il-fattur tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-kombustjoni tal-fjuwil għandu juża l-valuri prestabbiliti għas-$CO_2$ mogħtija fit-Tabella 3 imnaqqsa mill-impatt nett tas-CCS

$B_i$ = Il-konsum tal-fjuwil i għall-ġenerazzjoni tal-elettriku [MJ]

i =1…k = Il-fjuwils użati għall-produzzjoni tal-elettriku

L-ammont ta' produzzjoni netta tal-elettriku jiġi ddeterminat mill-produzzjoni grossa tal-elettriku, mill-konsum proprju tal-elettriku fl-impjant tal-enerġija u mit-telf tal-elettriku fil-ħżin tal-pompa.

$E_{net} = E_{gros} – E_{own} – E_{pump}$

fejn:

| | | |
|---|---|---|
| $E_{net}$ | = | il-produzzjoni netta tal-elettriku [MJ] |
| $E_{gross}$ | = | il-produzzjoni grossa tal-elettriku [MJ] |
| $E_{own}$ | = | il-konsum intern proprju tal-elettriku fl-impjant tal-enerġija [MJ] |
| $E_{pump}$ | = | it-telf tal-elettriku fil-ħżin tal-pompa [MJ] |

L-intensità tal-karbonju tal-elettriku prodott nett għandha tkun l-emissjonijiet grossi totali tal-GHG għall-produzzjoni tal-elettriku nett:

$CI = e_{gros_prod} / E_{net}$

fejn: *CI* = l-emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ mill-produzzjoni tal-elettriku espressi fi [$gCO_2eq/MJ$].

## *Data* dwar il-produzzjoni tal-elettriku u l-konsum tal-fjuwil

Id-*data* dwar il-produzzjoni tal-elettriku u l-konsum tal-fjuwil għandha tinkiseb għall-pajjiżi membri u assoċjati tal-AIE mid-*data* u l-istatistika tal-AIE li jipprovdu *data* dwar il-bilanċi tal-enerġija u l-elettriku prodott bl-użu ta' diversi fjuwils, pereżempju, mis-sit web tal-AIE, it-taqsima tad-*Data* u l-Istatistika ("Energy Statistics Data Browser")[14].

Għall-Istati Membri, id-*data* tal-Eurostat hija aktar dettaljata u tista' tintuża minflok. Fejn l-intensità tal-emissjonijiet tal-GHG tiġi stabbilita fil-livell taż-żoni tal-offerti, għandha tintuża *data* mill-istatistika nazzjonali uffiċjali, mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jew min-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E, European Network of Transmission System Operators for Electricity) bl-istess livell ta' dettall bħad-*data* tal-AIE. Id-data dwar il-konsum tal-fjuwil għandha tinkludi d-data disponibbli fl-ogħla livell ta' dettall disponibbli mill-istatistika nazzjonali: fjuwils fossili solidi, gassijiet manifatturati, pit u prodotti tal-pit, shale bituminuż u ramel bituminuż, prodotti taż-żejt u tal-petroleum, gass naturali, sorsi ta' enerġija rinnovabbli u bijofjuwils, skart mhux rinnovabbli u nukleari. Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-

14 Eżempju: https://www.iea.org/data-and-statistics/data-tools/energy-statistics-data-browser?country=GERMANY&fuel=Energy%20supply&indicator=TESbySource.

bijofjuwils jinkludu l-fjuwils bijoġeniċi kollha, l-iskart bijoġeniku, l-enerġija idro, mill-oċeani, mill-marea, mill-mewġ, ġeotermali, eolika, solari u ambjentali mill-pompi tas-sħana.

## Kummerċ nett tal-elettriku

Ladarba jiġu kkalkulati l-produzzjoni nazzjonali tal-elettriku u l-intensità tal-karbonju tagħha, għandhom jitqiesu l-importazzjonijiet annwali netti minn pajjiżi oħra. Għal kull pajjiż ta' skambju, l-importazzjoni netta tiġi kkalkulata bħala d-differenza bejn l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet. Jekk tkun akbar minn żero, li jfisser li l-pajjiż ikun importatur nett tal-elettriku, l-intensità nazzjonali tal-karbonju tiġi kkalkulata billi jitqiesu b'mod proporzjonali l-emissjonijiet assoċjati mal-elettriku nett importat. Sabiex jitqiesu wkoll l-importazzjonijiet tal-pajjiż esportatur, dan il-kalkolu għandu jitwettaq b'mod iterattiv sakemm il-valuri jikkonverġu, mill-inqas tliet darbiet. Meta l-intensità tal-emissjonijiet tal-GHG tal-elettriku tiġi ddeterminata fil-livell ta' żoni tal-offerti, l-istess approċċ għandu jiġi applikat fil-livell taż-żoni tal-offerti.

### *Data* tal-input minn sorsi tal-letteratura

*Tabella 3*

**Fatturi tal-emissjonijiet prestabbiliti għall-kombustjoni stazzjonarja [g $CO_2$eq/MJ ta' fjuwil fuq valur kalorifiku nett]**

| Fjuwil | $CO_2$ | $CH_4$ | $N_2O$ |
|---|---|---|---|
| ***Fjuwils fossili solidi*** | | | |
| Antraċit | 98,3 | 0,03 | 0,41 |
| Faħam tal-kokk | 94,6 | 0,03 | 0,41 |
| Faħam bituminuż ieħor | 94,6 | 0,03 | 0,41 |
| Faħam subbituminuż | 96,1 | 0,03 | 0,41 |
| Linjite | 101,0 | 0,03 | 0,41 |
| Fjuwil bi privattiva | 97,5 | 0,03 | 0,41 |
| Kokk tal-forn tal-kokk | 107,0 | 0,03 | 0,41 |
| Kokk tal-gass | 107,0 | 0,03 | 0,03 |
| Qatran tal-faħam | 80,7 | 0,03 | 0,41 |
| Mattunelli tal-faħam kannella | 97,5 | 0,03 | 0,41 |
| ***Gassijiet manifatturati*** | | | |
| Gass tax-xogħlijiet tal-gass | 44,4 | 0,03 | 0,03 |
| Gass tal-forn tal-kokk | 44,4 | 0,03 | 0,03 |
| Gass tal-forn tal-blast | 260,0 | 0,03 | 0,03 |
| Gassijiet irkuprati oħra | 182,0 | 0,03 | 0,03 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Pit u prodotti tal-pit** | 106,0 | 0,03 | 0,41 |
| **Shale bituminuż u ramel bituminuż** | 107,0 | 0,03 | 0,41 |
| ***Prodotti taż-żejt u tal-petroleum*** | | | |
| Żejt grezz | 73,3 | 0,09 | 0,16 |
| Likwidi tal-gass naturali | 64,2 | 0,09 | 0,16 |
| Materja prima tar-raffineriji | 73,3 | 0,09 | 0,16 |
| Addittivi u ossiġenati | 73,3 | 0,09 | 0,16 |
| Idrokarburi oħra | 73,3 | 0,09 | 0,16 |
| Gass tar-raffineriji | 57,6 | 0,03 | 0,03 |
| Etan | 61,6 | 0,03 | 0,03 |
| Gassijiet tal-petroleum likwefatti | 63,1 | 0,03 | 0,03 |
| Gażolina tal-magni | 69,3 | 0,09 | 0,16 |
| Gażolina tal-avjazzjoni | 70,0 | 0,09 | 0,16 |
| Fjuwil tal-ġettijiet tat-tip tal-gażolina | 70,0 | 0,09 | 0,16 |
| Fjuwil tal-ġettijiet tat-tip tal-kerosin | 71,5 | 0,09 | 0,16 |
| Kerosin ieħor | 71,9 | 0,09 | 0,16 |
| Nafta | 73,3 | 0,09 | 0,16 |
| Żejt tal-gass u żejt tad-diżil | 74,1 | 0,09 | 0,16 |
| Żejt tal-fjuwil | 77,4 | 0,09 | 0,16 |
| Spirtu abjad u SBP | 73,3 | 0,09 | 0,16 |
| Lubrikanti | 73,3 | 0,09 | 0,16 |
| Bitum | 80,7 | 0,09 | 0,16 |
| Kokk tal-petroleum | 97,5 | 0,09 | 0,16 |
| Xama' tal-paraffina | 73,3 | 0,09 | 0,16 |
| Prodotti oħra taż-żejt | 73,3 | 0,09 | 0,16 |
| Gass naturali | 56,1 | 0,03 | 0,03 |
| ***Skart*** | | | |
| Skart industrijali (mhux rinnovabbli) | 143,0 | 0,89 | 1,09 |
| Skart muniċipali mhux rinnovabbli | 91,7 | 0,89 | 1,09 |
| *Sors*: l-IPCC, 2006. | | | |

*Tabella 4*

**Fatturi tal-emissjonijiet prestabbiliti għall-kombustjoni stazzjonarja tal-fjuwils ta' oriġini mill-bijomassa**

**[g $CO_2$eq/MJ ta' fjuwil fuq valur kalorifiku nett]**

| Fjuwil | $CO_2$ | $CH_4$ | $N_2O$ |
|---|---|---|---|
| Bijofjuwils solidi primarji | 0 | 0,89 | 1,09 |
| Karbonju | 0 | 5,96 | 1,09 |
| Bijogassijiet | 0 | 0,03 | 0,03 |
| Skart muniċipali rinnovabbli | 0 | 0,89 | 1,09 |
| Bijogażolina pura | 0 | 0,09 | 0,16 |
| Bijogażolina mħallta | 0 | 0,09 | 0,16 |
| Bijodiżil pur | 0 | 0,09 | 0,16 |
| Bijodiżil imħallat | 0 | 0,09 | 0,16 |
| Kerosin bijoloġiku pur tal-ġettijiet | 0 | 0,09 | 0,16 |
| Kerosin bijoloġiku mħallat tal-ġettijiet | 0 | 0,09 | 0,16 |
| Bijofjuwils likwidi oħra | 0 | 0,09 | 0,16 |
| *Sors*: l-IPCC, 2006. | | | |

It-Tabella 5 tinkludi l-valuri medji annwali għall-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-elettriku kkalkulati skont il-formuli msemmija hawn fuq f'din il-Parti C fil-livell tal-pajjiż fl-Unjoni. Wieħed mill-ħames valuri annwali disponibbli l-iktar reċenti jista' jintgħażel għall-elettriku miksub fil-pajjiżi rispettivi [15].

*Tabella 5*

**Intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku ġġenerat u importat nett fl-Istati Membri mill-2019 sal-2023**

| Pajjiż | Intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku ġġenerat u importat nett (g$CO_2$eq/MJ) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** | **2023** |
| L-Awstrija | 65,2 | 55,6 | 62,7 | 65,3 | 43,8 |
| Il-Belġju | 57,0 | 58,2 | 47,9 | 53,2 | 48,2 |
| Il-Bulgarija | 136,7 | 117,6 | 129,4 | 149,7 | 100,5 |
| Il-Kroazja | 76,1 | 63,0 | 79,9 | 87,8 | 64,3 |
| Ċipru | 203,4 | 199,3 | 194,3 | 191,7 | 184,6 |

15 Id-*data* aġġornata se tkun disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea fuq bażi regolari.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Iċ-Ċekja | 146,5 | 132,0 | 142,5 | 146,7 | 127,6 |
| Id-Danimarka | 37,1 | 22,6 | 27,5 | 26,3 | 15,9 |
| L-Estonja | 162,6 | 88,8 | 111,0 | 135,4 | 78,0 |
| Il-Finlandja | 24,3 | 18,7 | 21,5 | 18,9 | 12,5 |
| Franza | 18,8 | 17,8 | 18,3 | 25,0 | 15,4 |
| Il-Ġermanja | 110,5 | 99,7 | 110,2 | 117,2 | 103,8 |
| Il-Greċja | 158,3 | 127,9 | 115,5 | 115,4 | 101,1 |
| L-Ungerija | 80,2 | 73,0 | 70,8 | 71,3 | 54,6 |
| L-Irlanda | 100,0 | 92,2 | 110,5 | 101,4 | 85,6 |
| L-Italja | 97,6 | 92,4 | 97,0 | 108,1 | 87,9 |
| Il-Latvja | 84,7 | 57,5 | 68,4 | 85,9 | 44,6 |
| Il-Litwanja | 33,8 | 31,8 | 35,6 | 32,1 | 19,1 |
| Il-Lussemburgu | 86,2 | 76,5 | 76,1 | 87,1 | 70,6 |
| Malta | 122,7 | 129,8 | 120,4 | 121,7 | 115,7 |
| In-Netherlands | 123,9 | 99,7 | 101,8 | 96,0 | 77,8 |
| Il-Polonja | 211,9 | 198,1 | 211,2 | 202,8 | 174,8 |
| Il-Portugall | 81,0 | 64,4 | 53,1 | 56,9 | 39,1 |
| Ir-Rumanija | 108,0 | 91,3 | 88,1 | 93,9 | 73,1 |
| Is-Slovakkja | 85,8 | 79,1 | 86,6 | 93,2 | 60,9 |
| Is-Slovenja | 72,3 | 66,4 | 68,8 | 67,9 | 54,2 |
| Spanja | 69,4 | 54,7 | 52,6 | 60,8 | 47,3 |
| L-Iżvezja | 4,3 | 3,3 | 3,7 | 3,6 | 3,4 |
| *Sors*: il-JRC, 2025 mid-data tal-Eurostat | | | | | |